# BORD LI JIRREGOLA L-KERA

## *MAĠISTRAT DR. NOEL BARTOLO*

**B.A. M.A.(Fin. Serv.) LL.D. Dip. Trib. Eccles. Melit.**

**Seduta tallum 28 ta' Jannar 2022**

**Ta' Natu Limited C8167**

***vs***

**F.A.D. Enterprises Limited C71214**

**Rikors Ġuramentat Numru: 108/2021/NB**

**Il-Bord,**

## I. PRELIMINARI

**Ra r-rikors ġuramentat ta' Ta' Natu Limited (C 8167) prezentat fit-3 ta' Mejju 2021 fejn giet espost hekk:**

1. Illi l-partijiet kienu dahlu f'kuntratt ta' kera li ai termini tieghu s-socjeta' esponenti kienet kriet lil dik intimata fond konsistenti f'supermarket, originarjament bl-isem "Ta' Natu Supermarket", u li jinsab go Triq il-Kostituzzjoni, il-Mosta, kopja tal-kuntratt hawn anness u mmarkat bhala Dok.A.

2. Illi, skond l-istess ftehim, il-kera pagabbli lis-socjeta esponenti ghall-ewwel hames snin tal-kera kellha tkun ekwivalenti ghal ahmsa fil-mija (5%) tal-qligh illi s-

socjeta intimata tkun ghamlet mill-bejgh mill-fond mikri, liema kera kellha tithallas kull gimgha, u cjoe kull nhar ta' Tnejn.

3. Illi s-socjeta intimata naqset milli thallas il-kera dovuta minnha mit-18 ta' Mejju 2020 sat-23 ta' Awwissu 2020 ammontanti ghal €27,542.47, u dan kif jidher mill-prospett hawn anness u mmarkat bhala Dok B.

4. Illi minkejja illi s-socjeta intimata giet interpellata biex tissalda d-debitu taghha, u dan anke permezz ta' ittra ufficjali illi giet intavolata nhar l-1 ta' Settembru 2020, hija baqghet inadempjenti (kopja tal-ittra u tar-riferta relattiva hawn annessi u mmarkati rispettivament bhala Dok. C1 u Dok. C2).

5. Illi permezz tal-istess ittra ufficjali, is-socjeta esponenti kienet avzat lil dik intimata illi l-istess ittra kellha isservi bhala intimazzjoni ai termini tal-artikolu 1570 tal-Kodici Civili (Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta).

6. Illi, in oltre, is-socjeta intimata mhux talli baqghet ma saldatx dak dovut minnha bhala kera ghax-xhur fuq imsemmija, izda talli naqset milli thallas ukoll il-kera dovuta ghax-xhur sussegwenti, u cjoe mill-24 ta' Awwissu 2020 sal-25 t'April 2021, ammontanti komplessivament ghas-somma ta' €57, 313.27, u dan kif jidher mill-prospett hawn anness u mmarkat bhala Dok. D.

7. Illi, ghalhekk, sallum is-socjeta intimata hija debritrici ta' dik esponenti fl-ammont komplessiv ta' €84, 855.74 rapprezentanti kera dovuta mit-18 ta' Mejju 2020 sal-25 t'April 2021.

8. Illi d-debitu huwa wiehed cert, likwidu u dovut, u fl-opinjoni tal-kumpanija esponenti dik intimata ma ghandiex eccezzjonijiet x'taghti, u ghalhekk il-kawza tista' tigi deciza abbazi tal-Artikolu 16A tal-Kap.69 tal-Ligijiet ta' Malta.

9. Tghid ghalhekk il-kumpanija konvenuta ghalfejn m'ghandux dan l-Onorabbli Bord:

(i) Jaqta' u jiddeciedi l-kawza abbazi tal-Artikolu 16A tal-Kap. 69, u cjoe bid-dispensa tas-smigh;

(ii) Jiddikjara illi s-socjeta' intimata hija debitrici ta' dik rikorrenti fis-somma komplessiva ta' €84,855.74 rapprezentanti kera dovuta mit-18 ta' Mejju 2020 sal-25 t'April 2021, jew somma verjuri li ghandha tigi likwidata minn dan l-Onorabbli Bord, jekk hemm bzonn bl-ghajnuna ta' periti nominandi;

(iii) Tordna lis-socjeta intimata thallas dik rikorrenti dik is-somma hekk likwidata;

(iv) Tiddikjara illi s-socjeta intimata naqset milli tosserva l-kundizzjonijiet tal-kirja, bin-nuqqas tal-hlas tal-kera relattiva, u in vista tal-intimazzjoni tas-socjeta intimata ai termini tal-artikolu 1570 tal-Kodici Civili (Kap. 16 tal-Ligijiiet ta' Malta), tordna x-xoljiment tal-kera u konsegwentment tordna lis-socjeta' intimata sabiex tivvaka l-fond fi zmien qasir u parentorju li ghandu jigi iffissat minn dan l-Onorabbli Bord, kollox skond kif gie dikjarat aktar 'il fuq u ghar-ragunijiet premessi.

Bl-imghax skond l-Artikolu 26C tal-Kodici Kummercjali u bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tal-1 ta' Settembru 2020 u tal-mandat ta' sekwestru intavolat kontestwalment mal-prezenti, kontra s-socjeta konvenuta li minn issa tibqa' ingunta ghas-subizzjoni taghha.

B'rizerva ghal kwalsiasi azzjoni illi s-socjeta esponenti tista; tintavola kontra dik konvenuta ghal kwalsiasi danni l-kumpanija esponenti qed issofri u tista' issofri.

Ra d-Digriet tal-Bord tal-25 ta' Mejju 2021 fejn l-intimata giet ammessa tipprezenta r-risposta taghha.

**Ra r-risposta tal-intimata FAD Enterprises Limited datata 11 ta' Gunju 2022 (fol 29) fejn ġie espost:**

1. Illi prelimarjament, l-esponenti qedgha teccepixxi il-privelegium fori u dana stante illi hija resdienti fil-gzira ta' Ghawdex;

2. Illi prelimarjament ukoll u minghajr pregudizzju, stante illi l-istess socjeta' rikorrenti diga intavolat rikors, kawzi u proceduri ohra quddiem il-Bord li Jirregola l-Kera (Ghawdex) hekk kif ippresedut mill-Onor. Magistrat Simone Grech stess, l-azzjoni odjerna bilfors ghandha tkompli tinstema quddiem il-Bord li Jirregola l-Kera (Ghawdex) u dana sabiex tigi evitata l-possibilta' ta' decizjoni diversi minn Bordijiet differenti fuq l-istess meritu;

3. Illi fil-mertu u dana minghajr pregudizzju ghas-siespost, it-talbiet attrici huma totalment infundati fid-dritt u fil-fatt;

4. Illi di fatti u dana dejjem minghajr pregudizzju jirrizulta illi l-kera mitluba mir-rikorrenti laqqas biss hi dovuta stante illi l-istess reikorrenti naqas minn diversi obbligi fil-kuntratt inkluz is-servizz tad-dawl kif ukoll l-ixkaffar u equipment tal-istess hanut;

5. Illi in oltre, jirrizulta ukoll illi l-invoices kollha thallsu u dana permezz ta' cedoli ta' depositu li gew ukoll notifikati lill-attrici fl-indirizz taghha;

6. Illi in oltre, jirrizulta anke mill-att l l-gran parti ta' dak mitlub ghadu sa llum ma giex invoiced b'mod legali u regolari ghaldaqstant it-talbiet tas-socjeta' attrici huma totalment intempestivi.

Ghaldaqstant, l-esponenti jitolbu bir-rispett illi dan l-Onorabbli Bord joghgbu jiddikjara li t-talbiet hekk kif dedotti fir-rikors odjern ghandhom jigu michuda bl-ispejjes kontra l-istess Ta' Natu Limited.

**Ra l-verbal tal-udjenza tal-15 ta' Novembru 2021 fejn il-Bord iddifferixxa l-kawza ghas-sentenza fuq l-ewwel zewg eccezzjonijiet preliminari sollevati mis-socjeta intimata.**

Ra l-verbali tas-seduti.

Ra u qies l-atti processwali kollha.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET

Illi din hija sentenza in parte dwar l-ewwel zewg eccezzjonijiet preliminari sollevati mis-socjeta intimata.

F'dawn iz-zewg eccezzjonijiet is-socjeta intimata qeda teccepixxi (1) il-*privilegium fori* stante li hija residenti Ghawdex u (2) qeda tghid ukoll illi stante li l-istess socjeta rikorrenti gja intavolat rikors, kawzi u proceduri quddiem il-Bord li Jirregola l-Kera (Ghawdex), l-azzjoni odjerna bilfors ghandha tkompli tinstemgha quddiem il-Bord li Jirregola l-Kera (Ghawdex) sabiex tigi evitata l-possibilita ta' decizjonijiet diversi minn Bordijiet differenti fuq l-istess meritu.

Illi b'Digriet tat-12 ta' Lulju 2021, il-Bord ordna l-inverzjoni tal-provi.

Permezz ta' nota tal-11 ta' Ottubru 2021[1] is-socjeta intimata ipprezentat kopja tal-Memorandum and Articles of Association tas-socjeta intimata (Dok A)[2] mnjen jirrizulta li l-ufficju regisrtat taghha huwa 'Maison d'Amour, Dun Gorg Preva Street, Nadur, Ghawdex; Kopja ta' kawza bejn l-istess partijiet numru 8/18 prezentata mis-socjeta rikorrenti fil-25 ta' Lulju 2018 quddiem il-Bord li Jirregola l-Kera, Ghawdex (Dok B)[3], lista tas-seduti mizuma fl-istess kawza (Dok C)[4]; dettalji dwar Mandat ta' Sekwestru bejn l-istess partijiet bin-numru 102/18 prezentat mis-socjeta rikorrenti kontra l-intimata ukoll quddiem il-Bord li Jirregola l-Kera, Ghawdex (Dok D)[5], Digriet dwar it-talba maghmula mill-intimata ghar-revoka tal-istess Mandat (Dok E)[6]; Kopja ta' kawza bin-numru 6/19 prezentata mis-socjeta intimata kontra s-socjeta attrici u d-direttur Joe Vella quddiem il-Bord li Jirregola l-Kera, Ghawdex (Dok F)[7] rigwardanti l-kuntratt ta' kera li hu l-istess kuntratt f'dawn il-proceduri; lista tas-seduti mizuma fl-istess kawza (Dok G)[8], Kopja ta' Mandat t'Inibizzjoni numru 29/2020 fl-ismijiet F.A.D.

[1] Fol 33
[2] Fol 36
[3] Fol 42
[4] Fol 46
[5] Fol 48
[6] Fol 49
[7] Fol 51
[8] Fol 54

Enterprises Limited C71214 vs Joe Vella f'ismu personali u ghan-nom ta' Ta Natu Limited C8167 u d-Digrieti relattivi (Dok H sa K)[9].

Il-veracita ta' dawn id-dokumenti ma gietx kontestata mis-socjeta rikorrenti kif verbalizzat fis-seduta tal-11 ta' Ottubru 2021.

Illi fl-affidavit tieghu pprezentat fil-15 ta' Novembru 2021, **Joe Vella** direttur tas-socjeta attrici ikkonferma li huwa cittadin Malti u residenti n-Naxxar, Malta u esebixxa kopja tal-Kartra tal-Identita tieghu (Dok A) u l-Licenzja tas-sewqan (Dok B). Jghid li s-socjeta intimata u r-rapprezentati taghha jafu li huwa jirrisjedi Malta tant li baghtulu ittri Malta u li l-kumpanija attrici kriet lil dik intimata is-*supermarket* in meritu permezz ta' kuntratt iffirmat f'Lulju 2017 liema *supermarket* jinsab fi Triq il-Kostituzzjoni, Mosta, Malta ghalhekk fuq pariri tal-avukat tieghu fetah il-kawza Malta peress li l-kwistjoni tirrigwarda s-*supermarket* li jinsab f'Malta.

Illi fis-seduta tal-15 ta' Novembru 2021 d-difensur tas-socjeta attrici ghamel referenza ghas-sentenza fl-ismijiet **360 Retail Supplies Limited vs FAD Enterprises Co Ltd** li ggib in-numru 648/18RGM deciza fil-31 ta' Jannar 2019 ghal finijiet tal-istess eccezzjonijiet preliminari.

***IKKUNSIDRA***

***Eccezzjoni tal-Privilegium Fori.***

Jirrizulta mhux kontestat li s-socjeta' konvenuta ghandha l-ufficju registrat taghha gewwa Ghawdex. Dan johrog car mill-*Memorandum and Articles of Association* tal-istess socjeta intimata (Dok A)[10] mnejn jirrizulta li l-ufficju registrat taghha huwa 'Maison d'Amour, Dun Gorg Preva Street, Nadur, Ghawdex. Hija ghalhekk issostni li kellha tigi mħarrka fil-Qorti ta' Ghawdex. Apparti minn hekk tghid ukoll li hemm diversi kawzi ohra bejn il-partijiet li gew prezentati u qed jinstemghu quddiem il-Qorti Ghawdex.

[9] Fol 56 et seq
[10] Fol 36

Minn naha l-ohra, s-socjeta' attrici tikkontendi li l-indirizz tal-ufficju registrat taghha huwa Malta u kif ukoll li r-rapprezentat taghha jirrisjedi Malta. Fatt maghruf mill-intimata. Apparti minn hekk tghid illi hija kriet lill-intimata s-*supermarket* in meritu permezz ta’ kuntratt iffirmat f’Lulju 2017 liema *supermarket* jinsab fi Triq il-Kostituzzjoni, Mosta, Malta u li billi l-mertu tal-obbligazzjoni tinsab f’Malta allura hija setghet tiftah il-kawza Malta. Dan jirrizulta mill-affidavit ta’ **Joe Vella** direttur tas-socjeta attrici[11].

Bl-ewwel eccezzjoni taghha s-socjeta' konvenuta qeda teccepixxi l-*privilegium fori* ghaliex issostni li stante li l-ufficju registrat taghha jinsab Ghawdex il-kawza kellha tigi istitwita fil-Qorti ta' Ghawdex.

Qabel xejn jigi rilevat illi Il-Kap. 69 tal-Ligijiet ta’ Malta bl-artikolu 16 jistabilixxi li ghandu jkun hemm Bord li Jirregola l-Kera u jipprovdi dwar kif ghandu jkun maghmul l-istess Bord. L-artikolu 20 jipprovdi li l-istess Bord ghandu l-istess setghat mghotija mill-Kodici ta’ Organizzazzjoni u Procedura Civili lill-Prim’Awla tal-Qorti Civili. Fl-imsemmi Kapitolu 69 m’hemm xejn dwar il-kompetenza tal-Bord kwantu jirrigwarda l-Gzira ta’ Ghawdex. Ghalhekk f’dan ir-rigward huma applikabbli l-provvedimenti normali li jistabilixxu l-kompetenza bejn il-Qrati ta’ Malta u dawk ta’ Ghawdex li jinsabu fil-Kap 12.

In materja issir referenza ghal dak li intqal fis-sentenza fl-ismijiat **Carmelo Grima vs Joseph u Gwendolyn konjugi Zammit (Rikors Guramentat Nru. 434/2015 MCH) deciza fis-6 ta' Ottubru, 2015:**

*L-artikolu 50 tal-Kap. 12 ighid illi: il-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) ... hija kompetenti biex tiehu konjizzjoni ta’ kull pretensjoni kontra l-persuni li joqogħdu jew li ghandhom ir-residenza taghhom ordinarja fil-Gzira ta’ Ghawdex jew ta’ Kemmuna, kif ukoll ta’ dawk il-kawzi l-ohra kollha li l-liġi tghid espressament li ghandha tiehu konjizzjoni taghhom dik il-qorti.*

[11] Prezentat fil-15/11/2021.

*U skond l-artikolu 741(c) tal-Kap. 12: L-eccezzjoni tal-inkompetenza tal-qorti tista' tinghata - (c) meta hu moghti lill-konvenut il-beneficcju li jigi msejjah quddiem qorti partikolari.*

*Kif izid l-artikolu 767 tal-Kap. 12: Il-beneficcju msemmi fl-artikolu 741(c) hu moghti lill-persuni li joqoghdu fil-Gzira ta' Malta rigward il-qrati ta' dik il-Gzira, u lil dawk li joqoghdu fil-Gzejjer ta' Ghawdex u Kemmuna rigward il-qorti ta' dawk il-Gzejjer.*

*Il-privilegium fori jispicca:*
*1. Meta l-ghadd ta' konvenuti li jghixu Malta u Ghawdex hu indaqs (art. 769);*
*2. Meta l-obbligazzjoni, li dwarha hi l-kawza, ghandha skond il-ftehim tigi ezegwita fi gzira partikolari (art. 770);*
*3. Meta jkun hemm rinunzja ghalih mill-persuna li ghandha jedd ghalih (art. 772)".*

Hawn hekk issir referenza ghas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell fl-20 ta` Mejju 1994 fl-ismijiet **"Alfred Cremona et vs Vanda armla Bradshaw"** fejn giet sollevata l-eccezzjoni *tal-privilegium fori* in konnessjoni ma fond mikri li kien jinsab gewwa Ghawdex. Il-Qorti tal-Appell ikkondividiet l-argumenti mressqa mill-appelanti illi 'fil-kaz prezenti si tratta ta' lokazzjoni maghmula lill-intimata ta' fond li jinsab Ghawdex. Ghalhekk hu car li n-negozju guridiku fil-parti preponderanti tieghu kellu jigi esegwit fil-Gzira ta' Ghawdex. In fatti t-tgawdija tal-fond ma setghax isir hlief f'Ghawdex. L-obbligazzjonijiet kollha tas-sid taht l-artikolu 1539 tal-Kodici Civili (Kap 16) u l-obbligu tal-inkwilin li jinqeda bil-haga mikrija bhala *bonus pater familias* kellhom esekuzzjoni f'Ghawdex. Il-konsenja tal-fond – konsegwenza tar-ripresa tieghu mis-sid – ma tistax issir hlief f'Ghawdex fejn jinsab l-istess fond u meritu proprju ta' din il-vertenza huwa proprju r-ripreza tal-fond. Ghalhekk l-appellati ma jistghux jghidu li l-kawza tivverti dwar obbligazzjoni li kellha tigi esegwita f'Malta"[12].

Applikati dawn il-principji ghal kaz in dizamina jirrizulta b'mod car illi l-mertu tal-kawza odjerna jivverti dwar obbligazzjoni li kellha tigi esegwita f'Malta. Fil-kaz prezenti si

[12] Fis-sentenza taghha l-Qorti tal-Appell tirreferi wkoll ghas-sentenza taghha in re John Borg vs Salvatore Bonnici tad-19 ta' Novembru 1954 fejn prattikament tghid "illi adoperat l-istess kliem li wzat l-appellanti fir-rikors ta' l-appell taghha".

tratta ta' lokazzjoni maghmula lill-intimata ta' fond li jinsab Malta u huwa car li n-negozju guridiku fil-parti preponderanti tieghu kellu jigi esegwit Malta. It-tgawdija tal-fond ma jistax isir hlief f'Malta. Di piu jirrizulta li r-rikorrenti hija residenti Malta u ma jirrizultax illi l-partijiet ftehemu li l-hlas tal-kera kellu jsir Ghawdex. Anzi hemm il-presuppost li ladarba sid il-kera joqghod f'Malta il-hlas tal-kera jsir fl-indirizz tieghu f'Malta. Apparti minn hekk qari tal-kuntratt ta' lokazzjoni, b'mod partikolari Artikolu 4 tal-kuntratt, rigwardanti l-hlas tal-*variable rent* u l-obbligu tal-inkwilin li jibghat lil sid il-kera prova tal-qliegh tieghu kull gimgha u d-dritt ta' sid il-kera li jaccedi ghas-*sales records* tal-inkwilin tramite t-*teamviewer application* kollha jkomplu jsahhu l-fehema tal-Bord illi hawn si tratta dwar obbligazzjoni li kellha tigi esegwita f'Malta. Dan anke fid-dawl tal-fatt li skond Artikolu 18 tal-kuntratt notifiki mehtiega li jintbghatu lis-socjeta attrici ghandhom hekk jigu mibghuta fl-indirizz taghha Malta.

Apparti minn hekk huwa car li t-talbiet fir-rikors promotur huma necessarjament esegwibbli f'Malta. Kemm ghal dak li jirrigwarda l-ewwel tlitt talbiet ossia dawk rigwardanti hlas tal-kera u kif ukoll ir-raba talba fejn qed jintalab ix-xoljiment tal-kera u l-konsegwenti ripreza.

Ghal dawn il-motivi il-Bord sejjer jichad l-ewwel eccezzjoni tas-socjeta' konvenuta billi jqis li huwa kompetenti li jisma' u jiddeciedi l-kawza odjerna.

***It-tieni Eccezzjoni tas-socjeta konvenuta***

Illi f'din l-eccezzjoni l-konvenuta qeda ssostni illi peress li l-istess socjeta rikorrenti gja intavolat rikors, kawzi u proceduri quddiem il-Bord li Jirregola l-Kera (Ghawdex), l-azzjoni odjerna bilfors ghandha tkompli tinstemgha quddiem il-Bord li Jirregola l-Kera (Ghawdex) sabiex tigi evitata l-possibilita ta' decizjonijiet diversi minn Bordijiet differenti fuq l-istess meritu.

Il-Bord qed jifhem li b'din l-eccezzjoni s-socjeta intimata qeda tirreferi ghall-Artikolu 793 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta li tirrigwarda l-konnessjoni ta' kawza ma ohra.

L-artikolu 793 tal-Kap 12 jipprovdi hekk:

***793(1) Meta bejn żewġ kawżi jew iżjed imressqin quddiem qorti waħda jkun hemm konnessjoni ta' suġġett, jew, meta d-deċiżjoni ta' waħda tista' tolqot d-deċiżjoni tal-oħra jew tal-oħrajn, il-qorti tista' tordna li d-diversi kawżi jiġu mismugħin flimkien***

Kif inghad fis-sentenza mghotija mill-Qorti tal-Appell fil-kawza fl-ismijiet **Maria mart l-imsiefer Philip Debono et vs Avukat Dr. Paolo Mercieca et,** deciza fit-30 ta' Jannar 2004

"Il-provvedimenti tal-ligi tal-procedura dwar kawzi konnessi huma ta' natura fakoltattiva u intizi biex il-gudikant, fl-arbitriju l-izjed prudenti tieghu, ikun jista' jirregola dawk il-kazi li jkollu quddiemu u dan, kif inghad fid-decizjoni ta' din il-Qorti fil-kawza fl-ismijiet: "Guiseppa Caruana –vs- Andrea Caruana tas-27 ta' Ottubru, 1964, "konsistentement mal-principju ta' l-ekonomija u tal-logika li huma fondamentali tant ghall-procedura civili in generali kemm ghall-istitut tal-konnessita` (sic) in partikolari".

In rigward, il-Bord fela d-dokumenti pprezenati mis-socjeta intimata bin-nota taghha a fol 33 et seq tal-process (Dok A sa K) u jinnota illi ghalkemm il-mertu taz-zewg kawzi jista jkun konness u f'certi aspetti hemm talbiet fiz-zewg kawzi li huma identici - hawnhekk il-Bord qed jirreferi ghar-raba talba tal-kawza odjerna u t-tielet u r-raba talba fil-kawza l-ohra 8/18 li it-tnejn qedin jitolbu dikjarazzjoni ta' inadempjenza tal-obbligi kuntrattwali da parti tas-socjeta intimata u l-konsegwenti xoljiment tal-kera u zgumbrament mill-fond lokat - madanakollu fiz-zewg kawzi r-raguni tal-allegat inadempiment huwa ghal kollox distint u ma jiddependix wiehed mill-iehor.

Fil-kawza li qed tinstemgha quddiem il-Qorti Ghadwex l-allegat nuqqas huwa li (a) s-socjeta intimata ma nstallatx *generator* kif obbligat ruhha fil-ftehim, (b) li ma tatx prova tat-turover kif obbligata tghamel, (c) li partijiet mill-fond lokat mhux qed jinfetah ghall-pubbliku il-Hadd, (d) li mhux qed jinghata l-ammont ta' SKU lis-socjeta rikorrenti u (e) li thalla wire three phase b'mod perikoluz fix-xaft.

Il-kawza l-ohra li hemm pendenti quddiem il-Qorti t'Ghawdex numru 6/19 fl-ismijiet inversi tirrigwarda talba tas-socjeta intimata ghad-danni naxxenti minn allegat nuqqas da parti tas-socjeta attrici li jipprovdi lill-intimata dawl b'rata *commercial.*

Minn naha l-ohra fil-kaz odjern l-allegat nuqqas huwa *sic et simpliciter* n-nuqqas ta' hlas tal-kera fejn allura qed jintalab dikjarazzjoni li s-socjeta intimata hija debitrici tar-rikorrenti fl-ammont pretiz fir-rikors, ordni ghall-hlas u dikjarazzjoni li dan in-nuqqas iwassal ghax-xoljiment tal-kera u kwindi kundanna ghal zgumbrament.

Fil-fehema ta' dan il-Bord iz-zewg kawzi jistghu perfettament jimxu indipendentement minn xulxin inkwantu l-bazi tal-azzjoni l-wahda u l-ohra hija wahda specifika ghal dik il-kawza u wahda ma tiddependix fuq l-ohra. In oltre huwa car illi ghalkemm hemm xi forma ta' konnessjoni bejn iz-zewg kawzi in termini ta' finalita, il-kawzali ossia r-raguni fuq xhiex hija bazata t-talba fiz-zewg kawzi hija wahda separata u ben definita f'kull kawza kif del resto hu spjegat aktar il-fuq. Ghalhekk dan il-Bord ghandu s-setgha diskrezzjonali li jiddeciedi li jkompli jisma l-kawza de quo. Wara kollox anke kif ravvizat

fl-Artikolu 793(3) tal-Kap. 12, minkejja li zewg kawzi jkunu mexjin flimkien, f'kull kawza minnhom tinghata sentenza separatament mill-ohra.

Ghalhekk il-Bord sejjer jichad ukoll it-tieni eccezzjoni sollevata mis-socjeta intimata.

## III. KONKLUŻJONI.

Illi għal dawn il-motivi, dan il-Bord qieghed:

(1) Jichad l-ewwel eccezzjoni tas-socjeta konvenuta dwar il-privilegium fori u jiddikjara ruhhu kompetenti li jisma' din il-kawza.

(2) Jichad ukoll it-tieni eccezzjoni tas-socjeta konvenuta.

(3) Jordna l-prosegwiment tal-kawza.

Spejjez ta' din is-sentenza in parte ghas-socjeta konvenuta.

**Moqrija.**

**DR. NOEL BARTOLO**
**MAĠISTRAT**

**Mario Spiteri**
**Deputat Reġistratur**